MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1761/2001/1

Helen *sive* Nellie armla mill-Avukat Dottor Joseph **MIĊELI** et

vs

Carmelo *sive* Charles **PISANI**

**Il-Qorti:**

Dan huwa Degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, fuq talba magħmula mill-avukat tal-atturi waqt is-smigħ tas-7 ta’ Mejju, 2002, biex in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa f’isem l-imħarrek titneħħa mill-atti tal-kawża minħabba li kienet irritwali;

Illi dak li wassal lill-atturi jitolbu t-tneħħija tal-imsemmija Nota tal-Eċċezzjonijiet mill-atti tal-kawża jikkonsisti fil-fatt li d-Dikjarazzjoni mehmuża mal-istess Nota ta’ Eċċezzjonijiet ma nħalfitx mill-imħarrek, iżda mill-avukat tiegħu, maħtur bħala Avukat għall-Għajnuna Legali tal-istess imħarrek b’Degriet tal-1 ta’ April, 2002[1];

Illi għall-imsemmija talba, l-avukat tal-imħarrek irrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti, iżda iddikjara li t-tagħrif kollu maħluf minnu fl-imsemmija Dikjarazzjoni ingħata lilu minn ħu l-istess imħarrek, Alfred Pisani, u dan minħabba l-qagħda ta’ saħħa mwiegħra tal-imħarrek;

Illi minn dak imsemmi fl-istess Dikjarazzjoni, jirriżulta li sa dak inhar l-imħarrek ma kienx għadu jaf li nfetħet kawża kontrih;

Illi ma hemmx dubju li l-istess Nota tal-Eċċezzjonijiet u d-Dikjarazzjoni mehmuża magħha tressqu mill-avukat Tonio Azzopardi fis-26 ta’

[1] Paġ. 20 tal-proċess

April, 2002, wara li l-istess avukat kien talab, u ngħata[2], żmien biex tkun tista' titressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Illi l-liġi tagħmilha ċara li n-Nota tal-Eċċezzjonijiet trid titressaq mill-parti mħarrka[3], li, f'każ li ma tkunx sejra tistqarr it-talba attriċi, trid tressaq ukoll "flimkien man-nota tal-eċċezzjonijiet" dikjarazzjoni maħlufa minnha[4], taħt piena li l-parti mħarrka titqies kontumaċi fin-nuqqas[5];

Illi l-liġi tħares ukoll min huma dawk il-persuni li jistgħu jressqu skritturi[6], u f'liema ċirkostanza tista' tidher persuna oħra minflok il-parti. Persuna ma jidhirx li tista' tressaq att ġudizzjarju bħala mandatarja ta' jew f'isem persuna fiżika li m'hijiex milquta b'xi wieħed mill-impedimenti msemmijin fl-artikolu 781 tal-Kapitolu 12, jekk kemm-il darba tali persuna tkun tinsab hawn Malta[7]. Minbarra dan, mill-kliem innifsu tal-liġi, m'hijiex mogħtija s-setgħa lil avukat li jressaq att ġudizzjarju bħal dan quddiem il-qrati superjuri, jekk kemm-il darba l-parti tkun tinsab f'Malta, ukoll jekk tali avukat ikun ġie mqabbad taħt is-sistema tal-Għajnuna Legali;

Illi Dikjarazzjoni maħlufa minn persuna li tidher bħala mandatarja ta' persuna li tkun tinsab f'Malta twassal biex dak l-att jiġi ma jiswiex[8] bħala att nieqes minn partikolarita' essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi[9];

Illi f'dan il-każ, ir-raġunijiet imsemmija mill-abbli difensur tal-imħarrek waqt is-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2002, ma jistgħu bl-ebda mod jikkwalifikaw bħala raġunijiet magħrufa mil-liġi li, bis-saħħa tagħhom, l-istess difensur seta' jitqies awtorizzat *ope legis* biex, fil-kwalita' minnu msemmija,

---

[2] Paġ. 16 tal-proċess
[3] Art. 158(1) tal-Kap 12
[4] Art. 158(4) tal-Kap 12
[5] Art. 158(10) tal-Kap 12
[6] Art. 180(1) tal-Kap 12
[7] Art.1866 tal-Kap 16
[8] Ara, per eżempju, App. Kumm. **9.1.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Kissaun noe vs Fenech noe*** (Kollez.Vol: **LXXIII.ii.413**) li kienet tirrigwarda dikjarazzjoni mehmuża ma' Att taċ-Ċitazzjoni
[9] Art. 789(1)(d) tal-Kap 12

jaħlef id-Dikjarazzjoni tal-fatti minflok l-imħarrek. Dan jingħad ukoll jekk wieħed kellu jqis li r-relazzjonijiet bejn klijent u avukat jirrivestu n-natura tal-kuntratt tal-mandat[10];

Illi, ladarba d-Dikjarazzjoni titqies ma tiswiex, l-effett konsejkwenzjali jkun li n-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiġi nieqsa hija nnifisha minn partikolarita' essenzjali mitluba mil-liġi, u għalhekk nulla wkoll;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda ssib li d-Dikjarazzjoni maħlufa mehmuża man-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-imħarrek Carmelo Pisani hija irrita u ma tiswiex, u għalhekk, daqstant ieħor irrita hija n-Nota tal-Eċċezzjonijiet;

Għalhekk, il-Qorti tilqa' t-talba tal-atturi u qegħda tordna t-tneħħija tan-Nota tal-Eċċezzjonijiet mill-atti tal-kawża.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[10] Ara P.A. NA **4.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Richard Cachia Caruana vs Meinrad Calleja et***